**DIVIŻJONI GĦAR-REGOLAZZJONI VETERINARJA U S-SAĦĦA TAL-PJANTI**

## ID-DIRETTORAT GĦALL-ĦARSIEN TAL-PJANTI

Id-Direttorat għall-Ħarsien tal-Pjanti huwa l-Organiżżazzjoni Nazzjonali għall-Protezzjoni tal-Pjanti. Id-Direttorat jaħdem bl-għan li tiġi evitata l-introduzzjoni ta' organiżmi li jagħmlu ħsara lill-pjanti jew prodotti tal-pjanti jew it-tifrix tagħhom fil-Komunità Ewropea. Dan iwetqu f'konformità mal-politika tas-saħħa tal-pjanti tal-Komunità Ewropeja. Matul l-2018, id-Direttorat kompla bis-sorveljanza tas-suq tal-materjal ta' propagazzjoni fit-territorju Malti bil-għan li jkun hawn fiċ-ċirkulazzjoni kwalità għolja ta' materjal ta' propagazzjoni tal-pjanti. Id-Direttorat kompla bl-implimentazzjoni tar-regolamenti li jikkonċernaw l-aċċess u l-qsim ta' benefiċċji li jirriżultaw mill-użu ta' riżorsi ġenetiċi Maltin.

Matul is-sena 2018, id-Direttorat kompla jimplimenta b'mod intensiv il-kampanja ta' għarfien fir-rigward tal-batterju qerriedi *Xylella fastidiosa* b'ko-finanzjament taħt il-Program għas-Sorveljanza tal-Pesti b'ammont ta' €160,000 allokati għas-sena 2018. Peress li l-kampanja tal-*Xylella fastidiosa* hija mmirata speċifikament lejn il-vjaġġaturi, il-PPD irriklama permezz ta' *video clips* abbord il-linja nazzjonali tal-ajru Air Malta, irreklama fl-Ajruport Internazzjonali ta' Malta (MIA), abbord il-katamaran, riklamar fuq il-karozzi tal-linja u b' parteċipazzjoni u tqassim ta' oġġetti promozzjonali waqt attivitajiet tal-massa.

Il-promozzjoni tal-Harsien tal-Pjanti u l-messaġġ "Nibżgħu għall-pjanti tagħna: Inżommu l-mard 'il bogħod minn xtutna", kienet it-thema prinċipali tal-promozzjoni li saret waqt *Open Day* organizzata ġewwa l-bini tal-PPD bħala parti mill-attivitajiet b'konnessjoni mal-Ġimgħa għas-Servizz Pubbliku.

Fl-2018, il-kampanja promozzjonali ġiet estiża għall-organiżmi ta' ħsara għall-pjanti permezz tal-ħolqien ta' żewġ *mascots Pjantina* u *Pjantinu*, biex ikompli jinħoloq għarfien fuq il-ħsara għall-flora u l-prodotti agrikoli minn organiżmi ta' ħsara għall-pjanti. Għal dan il-għan sar *video* li ntwera fuq stazzjonijiet lokali u promoss fuq il-midja soċjali, kif ukoll ġie pproduċut avviż intenzjonat għar-radju fuq il-marda taċ-ċitru *Citrus Tristeza* li xxandar fuq stazzjonijiet tar-radju.

Id-Direttorat għall-Ħarsien tal-Pjanti ġie appuntat l-Awtorita' kompetenti biex tapprova u tirreġistra Konsulenti li jipprovdu servizz ta' konsulenza relatat ma' miżuri agro-ambjentali, li jinkludu l-Miżura għall-Implimentazzjoni ta' Pjan għall-Ġestjoni u Konservazzjoni tal-Ħamrija fuq Ħbula ta' Art

(AECM5), Miżura għall-integrazzjoni u l-manutenzjoni ta' Speċi Maltin awtoktoni, Tiġieġa Sewda Maltija (AECM 6A) u l-miżura għall-implimentazzjoni ta' Pjan Integrat ta' Ġestjoni ta' Organiżmi ta' Ħsara li jimmiraw id-dwieli u għelieqi bis-siġar (AECM 4). Permezz ta' din il-kariga ġew irreġistrati 5 konsulenti. Id-Direttorat għall-Ħarsien tal-Pjanti ġie delegat ukoll permezz ta' ftehim ma' l-Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali (ARPA) il-kontrolli relatati mal-analiżi tal-ħamrija, li jinkludu il-ġbir ta' kampjuni tal-ħamrija, l-analiżi tagħhom kif ukoll li jagħti opinjoni dwar il-konformita mal-obligi tal-miżura AECM 5.

Matul l-2018, il-Laboratorju tal-Ħamrija u l-Ilma għat-Tisqija analiżża ammont konsiderevoli ta' kampjuni tal-ħamrija għall-materjal organiku u nutrijenti. Din l-analiżi hija marbuta mas-servizz offrut lill-bdiewa mid-Direttorat konness mal-Miżura għall-Implimentazzjoni ta' Pjan għall-Ġestjoni u Konservazzjoni tal-Ħamrija fuq Ħbula ta' Art (AECM5). Il-laboratorji dijanjostiċi għas-saħħa tal-pjanti u analiżi taż-żerriegħa wetqu testijiet hekk kif indikat f'Tabella 1.

| **Testijiet** | **2018** |
|---|---|
| Żerriegħa | 47 |
| Pjanti | 2268 |
| Ħamrija | 9264 |
| Ilma | 363 |

Tabella 1: Numru ta' Testijiet tal-Laboratorji

Wara sejħa għall-offerti, id-Direttorat beda jiżviluppa sistema informatika għall-immaniġġjar tad-data fil-laboratorji (*Laboratory Information Management System*) fi ħdan id-Direttorat għall-Ħarsien tal-Pjanti. Din is-sistema għandha tiffaċilita l-amministrazzjoni tal-kampjuni, tal-analiżi u tad-data fil-laboratorji, u b'hekk tgħin biex titjieb l-effiċjenza. Din is-sistema mistennija titlesta u tibda tintuża fl-2019.

Fl-2018, id-Direttorat għall-Ħarsien tal-Pjanti ressaq talba għall-għajnuna taħt il-Programm ta' Appoġġ għar-Riforma Strutturali 2017-2020 (Regolament (KE) 2017/825 tal-SRSP), sabiex tkun tista' ssir ir-riforma neċessarja fil-laboratorju tad-djanjostika. Din ir-riforma hija meħtieġa sabiex il-laboratorju jkun f'pożizzjoni li jwettaq aktar testijiet b'teknoloġiji aktar avvanzati u għandha twassal ukoll biex il-laboratorju jiġi akkreditat, kif inhu mitlub mir-Regolament (KE) 2017/625 dwar il-Kontrolli Uffiċjali.

Bħala parti mill-iżvilupp ta' sistema ta' kwalita' fil-laboratorju tad-djanjostika, inbeda programm ta' verifiki interni (*internal audits*). L-ewwel verifika interna, li saret f'Novembru tal-2018, kienet fuq il-proċedura (*screening*) li tintuża għall-analiżi tas-*Citrus Tristeza Virus* f'kampjuni taċ-ċitru. Aktar verifiki interni huma ppjanati għall-2019.

Il-fergħa tas-Sorveljanza u l-Infurzar fi ħdan id-Direttorat kompliet bil-ħidma tagħha bil-monitoraġġ u bil-kontroll tat-tixrid ta' organiżmi ta' ħsara fit-territorju Malti u kummerċ li jiġi minn pajjiżi terzi u mill-Unjoni Ewropeja. It-tabella numru 2 tippreżenta l-attivitajiet ta' monitoraġġ u kontrolli li saru fl-fl-2018. Is-sezzjoni bdiet ukoll montoraġġ fuq l-insett *Halyomorpha halys* permezz ta' nases f'diversi inħawi wara sejba ta' insett wieħed. Ix-xogħol se jitkompla anke fl-2019.

| Tip ta' spezzjoni | Numru 2018 |
|---|---|
| Palm | 106 |
| Posta | 62 |
| Impurtar | 283 |
| Imballaġġ tal-Injam | 141 |
| Ċana | 79 |
| Spezzjonijiet tal-Katamaran | 17 |
| Attivitajiet reġistrati (spezzjoni annwali) | 206 |
| Spezzjonijiet tal-ABS | 2 |
| Nases tal-Bumunqar Aħmar tal-Palm | 360 |
| Nases tal-Halyomorpha halys | 30 |
| Stħarriġ ta' Sorveljanza tal-Pesti | 2540 |

Tabella 2: Spezzjonijiet

Is-sezzjoni responsabbli mill-politika u r-riċerka għall-ħarsien tal-pjanti fi ħdan id-Direttorat għall-Ħarsien tal-Pjanti ikkoordinat, irrevediet, ikkompilat u pproċessat risposti għall-kwestjonarji, dokumenti ta' ħidma, protokolli, standards, dokumenti ta' konsultazzjoni, noti ta' istruzzjoni, eċċ. fuq diversi suġġetti li jaqgħu taħt il-kompetenza tad-Direttorat. Fl-2018, 5 liġijiet nazzjonali ġew miktuba u ppublikati u li jittrasponu liġijiet tal-UE fuq il-kummerċ ta' żrieragħ ta' pjanti agrikoli u ħaxix tal-ikel u ta' materjal ta' propagazzjoni ta' pjanti ornamentali, mard tal-pjanti u eżaminazzjoni ta' varjetajiet ġodda. Beda jsir xogħol intensiv dwar l-effetti li jista' jkollu l-Brexit fuq is-setturi ta' mard tal-pjanti u kummerċ ta' materjal u varjetajiet tal-pjanti u l-implimentazzjoni nazzjonali tar-Regolamenti dwar il-Kontrolli Uffiċjali u dwar il-Miżuri Protettivi kontra Pesti tal-Pjanti.

Ġew maħruġa wkoll 7 manwali ta' proċeduri fuq diversi xogħlijiet li jsiru mid-Direttorat, kif ukoll reviżjoni ta' pjanijiet ta' kontinġenza, fosthom dak tal-*Xylella fastidiosa* wara li sar eżerċizzju ta' simulazzjoni. Matul l-2018, ġew mibgħuta 29 rapport lill Unjoni Ewropea rigward obligi ta' monitoraġġ u analizi ta' pesti tal-pjanti li jsiru matul is sena mid-Direttorat, rapport annwali tekniku u finanzjarju tal-programm ta' sorveljanza dwar il-pesti tal-pjanti għas-sena 2017, rapport intermedjarju

għas-sena 2018 u applikazzjoni mil-ġdid għal-programm ta' sorveljanza dwar il-pesti tal-pjanti għas-sena 2019.

Barra minn hekk, fl-2018 tkompliet l-implimentazzjoni tal-Protokol ta' Nagoya dwar l-aċċess għar-riżorsi ġenetiċi u l-qsim ġust u ekwu tal-benefiċċji prodotti mill-utilizzar tagħhom fis-setturi ta' riċerka u żvilupp. Malta bdiet timplementa l-Protokol billi tagħmel spezzjonijiet bil-miktub u fuq il-post biex tiżgura li l-provviżjonijiet tar-Regolament UE 411/2014 u l-Liġi Sussidjarja 549.111 jiġu obduti. Waqt l-ispezzjonijiet ma nstabu l-ebda irregolaritajiet. Fl-aħħar tas-sena, l-Kummissjoni Ewropea ppubblikat l-ewwel rapport dwar l-implimentazzjoni tal-Protokol fuq livell nazzjonali, li jindika li għad hemm bżonn ta' esperjenzi reali li jistgħu jkunu ta' għajnuna biex jiġu ċċarati l-limiti ta' dan l-istrument amministrattiv. B'dan il-għan, Malta flimkien mal-Istati Membri l-oħra tal-UE kompliet id-diskussjonijiet biex jiġu pprodu ċuti linji gwida għal min jagħmel użu ta' riżorsi ġenetiċi fis-setturi ta' riċerka u żvilupp tagħhom. Dawn id-diskussjonijiet ser ikomplu fis-sena 2019 flimkien mal-possibilta' ta' kampanji Ewopej ta' informazzjoni fuq setturi speċifiċi biex iżid l-għarfien dwar l-obbligi ta' min jagħmel użu ta' riżorsi ġenetiċi.

Id-Direttorat beda t-twettieq ta' żewġ proġetti ko-finanzjati mill-EFSA relatati mal-organiżmu ta' ħsara *Phyllosticta citricarpa.* Hekk kif magħrufa bħala *Citrus black spot,* din hija marda serja u ta'impatt qawwi li tattakka s-siġar taċ-ċitru kkawżata mill-moffa. Prinċiparjament hija marda li tattakka l-frott u tiżviluppa leżjonijiet b'tali mod li l-frott ma jkunx tajjeb għas-suq, b'impatt qawwi fuq il-produzzjoni u l-kummerċ tal-frott taċ-ċitru li jirriżulta b'impatt ekonomiku.

Il-Proġett dwar il-Kooperazzjoni għat-tħejjija f'każ ta' kriżi fl-Unjoni Ewropea ikkawżata mill-*Phyllosticta citricarpa,* ser jofri pjattaforma ta' riżorsi lill-pajjiżi li għandhom possibilitá li l-organiżmu tal-*P. citricarpa* jistabbilixxi u jinfirex mingħajr ma juri sintomi kif ukoll biex flimkien mal-EFSA jiġu żviluppati linji gwida dwar is-sorveljanza u lista komuni ta'azzjonijiet ta' kontroll, trażżin u qerda li jistgħu jiġu adottati mill-Istati Membri f'każ ta' emerġenza.

Fl-2019, saret ġabra u analiżi ta' studji ppublikati, permezz ta' kollaborazzjoni mal-Universita' ta' Malta. Sar ukoll *workshop* bl-isem ta' *Guidelines for surveillance of P. citricarpa for the EU territory* li sar f' Malta f'Ottubru 2018 u li għalih attendew rappreżentanti mill-Istati Membri ta'l-UE (eżattament minn Ċipru, Greċja, Italja, Spanja, Portugal u Malta), mill-Kummisjoni ta' l-UE, mill-EFSA, mill-European Plant Protection Organisation (EPPO) flimkien ma' esperti li ġew mill-Istati Uniti, Brażil u l-Arġentina li għandhom esperjenza diġa' fuq il-marda.

Il-proġett l-ieħor "*SMART: Smart monitoring of airborne plant pathogens: advances in aerobiology, and molecular diagnostics and remote sensing to support risk based plant health surveillance in the*

*EU*" jitratta dwar identifikazzjoni bikrija ta' mard tal-pjanti u prevenzjoni. L-organiżmu *P. Citricarpa* hija tip ta' moffa li titrasmetti ruha permezz ta' l-arja billi jitilqu l-ispori li jistgħu jinferxu f'distanzi u għoli differenti grazzi għar-riħ u l-kurrenti. F'dan il-proġett, għodod intelliġenti, bħalma huwa l-apparat automatizzat li jiġbor kampjuni ta' l-arja u teknoloġiji molekolari li jintużaw għad-dijanjożi, qed jiġu wżati biex issir monitoraġġ kontinwu tat-tixrid tal-mard li jimxi fl-arja. Permezz ta' dan il-proġett, id-Direttorat qed iwettaq studju li mistenni jwassal għall-validazzjoni ta' din it-tekonoloġija fil-qasam tas-saħħa tal-pjanti.